MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Numru. 439/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Frankie Pisani**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Frankie Pisani, bin Grezzju u Grace neé Gatt, imwieled fid-19 ta' Lulju 1979 u residenti fil-fond Robina, Triq il-Falkun, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 20579(G) li gie akkuzat talli;

Fil-kwalita' tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta' **Pisani Woodworks Company Limited (C 39987)**, b'indirizz registrat Pisani Woodworks, Robina, Triq il-Falkun, Sannat, Ghawdex, u/jew bhala persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta' sabiex ihallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas il-**vacation leave** dovut ghall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2008 u t-12 ta' Frar 2010, fl-ammont ghal **€1,468.25**, il-**bonus statutorju** ghal perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2008 u t-12 Frar 2010, fl-ammont ghal **€504.01**, **weekly allowance** ghal perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2008 u t-12 ta' Frar 2010 fl-ammont ta' **€450.05**, kif ukoll ghamel tnaqqis mill-pagi ghal perjodu bejn Marzu 2008 u Dicembru 2009 li m'huwiex permess mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ammont ta' **€853.01**, u naqas li jhallas l-gholi tal-hajja ghal perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-12 ta' Frar 2010 fl-ammont ta' €34.92, li b'kollox jammontaw ghal **€3,310.24** u li kien dovut lill-ex impjegat tas-socjeta' hawn fuq imsemmija, u cioe' lil **Joseph Butigieg** fit-12 ta' Frar 2010 meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Il-Qorti giet mitluba bir-rispett tordna lill-imputat, sabiex ihallas l-penali skond il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligjiet ta' Malta, sabiex ihallas lil **Joseph Buttigieg** l-ammont ta' **€3,310.24** ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

ILLI mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Pisani Woodworks Company Limited (C 39987),[1] naqas li jhallas il-*vacation leave,* il-*bonus statutorju* u l-*weekly allowance* ghal perjodu indikat fl-imputazzjoni. Irrizulta wkoll li l-imputat ghamel tnaqqis

[1] Dok. "B" – ezebiet fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2010.

mill-pagi ghal perjodu bejn Marzu 2008 u Dicembru 2009 li m'huwiex permess mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u naqas li jhallas l-gholi tal-hajja ghal perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-12 ta' Frar 2010. Jirrizulta li l-ammonti kollha indikati fl-imputazzjonijiet kontra l-imputat gew pruvati u li dawn l-istess ammonti kienu dovuti lil Joseph Buttigieg, meta gie itterminat l-impieg tieghu.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 5, 15 u 45 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Frankie Pisani hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' mitejn u hamsin Euro (€ 250.00) u tordna li sa zmien xahar millum l-imputat Frankie Pisani jhallas lil Joseph Buttigieg is-somma ta' tlett elef, tliet mija u ghaxar ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€ 3,310.24).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------